MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

23 ta' Mejju 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
MARISA ABELA – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd minn dawk li kellhom ikunu preżenti għall-laqgħa kien fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sinjuri Abela, Mangion u Spiteri li bagħtu ittri t'apoloġiji li ma setgħux jattendu.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Giet maqruha l-ittra t'apoloġija tas-Sinjuri Abela, Mangion u Spiteri. L-ittri ġew aċċettati.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Il-minuti ġew approvati.

Is-Sur Zammit qal li rigward il-ħajt ta' Wied Irmiedi hu jixtieq ittra mingħand il-Kunsill fejn fiha jingħad li l-Kunsill mhux responsabbli sabiex dan isir minħabba li jifforma parti mill-ilqugħ tal-Wied. Tenna wkoll li jekk jista' jkun s'għada għandhom jinżabru s-siġar sporġuti l-barra minn residenza fi Triq Victor Vassallo. Semma wkoll li l-Bus tal-Papa għandu bżonn żabra mis-siġar u tindifa sew, barra xi restawr.  Dan se jitnaddaf u jinżabar.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward:

28.3.1 Ġemellagg - għandu jinħatar Kumitat li jkun ċermen tiegħu is-Sur Remigio Bartolo.  Kulħadd qabel.

28.3.2 Laqgħa li għandha ssir nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju Transport Malta fis-2 ta' wara nofsinhar fuq Triq Ħal Qormi.  Qal li jħossu ferm urtat li wara li kkonsulta mar-residenti u wara li kull ma sar differenti minn kif kienu s-sinjali qabel hu li nqalgħet l-*Except to Render a Service* u ma rax għalfejn kellu jinqala' dan il-panik kollu għax fil-fatt ma nbidel xejn minn kif kien qabel.  Għar-rigward ta' Triq San Duminku qal li l-volum ta' traffiku huwa minimu u biss fil-*peak hours*.

28.3.3 Saret oġezzjoni għal PA07807/1 (EA00005/17) fuq fuel station oħra f`Ħ`Attard

28.3.4 Talab biex tiġi mgħoddija riżoluzzjoni biex kull binja ġdida li tkun se titla' sidha, jħalli depożitu ta' €5,000 sabiex jiġu salvagwardjati ir-residenti u ma jitħalliex ħmieġ sakemm il-binja tkun kompluta (koppja annessa)

28.3.5 Race Track Ta Qali –  Il-Kunsill ma ġiex ikkonsultat u jħoss li għanda tinbagħat ittra lil Gvern preżenti u lill-Oppożizzjoni li fiha jintalab li l-Kunsilll għandu jiġi ikkonsultat f'kull stadju dwar dak li ħa jiġri u mhux ħa jiġri. Il-Kunsill qabel ukoll li tinħareġ *Press Release*. Is-Sur Zammit qal li għadhom kemm identifikaw biss l-area u għadu stadju bikri biex jingħad x'ser issir. Qal ukoll li jekk issir ser tiffunzjona biss mal-ġurnata u li hu ta l-opinjoni li nistennew ftit ġimgħat oħra biex wieħed jara x'ser isir. Kulħadd qabel.

28.3.6 Email minghand SKOP rigward *forum* li ser issir nhar is 17 ta' Ġunju fis-Seminarju r-Rabat. Għal dan il-Forum ser t'attendi is-Sinjura Scerri.

28.3.7 Working Document – Discovering Malta and Gozo. Dan id-dokument jinkludi fih l-istadijiet sabiex l-Universita' ta Malta taħdem b`kollaborazzjoni mal-Kunsill sabiex tqarreb it-turisti lejn in-nies ta Ħ`Attard b`sens ċiviku u ta` kommunita. Il- Kunsill qabel ma' din l-inizzjativa.

28.3.8 Il-Vapur ta` l-art, The Attard Railway Heritage: Konferma li l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet sottomessa.

28.3.9 Ir-Robotica Nation Summer 2017: Il-Kunsill qabel mal-proposta sabiex isiru korsijiet għat-tfal fis-Sajf billi jitħallsu €1,100 u b`hekk il-kors jiġi ssussidjat.

Is-Sur Ralph Cassar daħal f`dan il-mument (6.05pm)

28.3.10 Ċirkulari 13/2017 – Inizjattiva Finanzjarja: Local Government Community Innovation Fund. Is-Sur Cordina informa lill-Kunsill sabiex iressqu proposti għal dan il-fond.

28.3.11 Smart Light Systems – Is-Sur Cordina ressaq 3 kwotazzjonijiet għad-dwal taż-Zebra Crossing il-ġdida fi triq il-Mosta. Is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsill li għal kull waħda min dawn jridu jinġabu żewġ kwotazzjonijiet oħra.

28.3.12 Email mingħand Dr Rachel Tua sabiex klijent tagħha jieħu ħsieb Ġnien il-Kunsill fuq pro bono basis. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta pero' qabel iridu jiġu imnizzla xi kundizzjonijiet dwar kif ser isir dan ix-xogħol filwaqt li is-Sinjuri Zammit, Debono u Scerri irrimarkaw fuq it-tisqija u kif ħa jigu ikkultivati is-siġar.

28.3.13 Is-Sur Ralph Cassar reġa' irrepeta li Race Track ġo Ta Qali mhux addatata għax pajjiżna żgħir u l-istorbju jasal.

28.3.14 Disposals – Talab l-approvazzjoni sabiex il-Kunsill jiddisponi min Printer HP, DVR ta' CCTV u UPS li ma għadhomx jaħdmu (kopja annessa)

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

28.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq

- Plot fi Triq l-Istwiel li mhux mibni biex jitnaddaf
- Letter Box mgħottija b`siġra fi Triq il-Pitkali li trid tinżabar

- Monument tal-Papa biex jinkines u jitnaddaf. Is-Sinjura Scerri qalet ukoll li għandu bżonn żabra

28.4.2 Is-Sur Cassar qal li ċertu toroq jiġbru l-ħmieġ bħal Triq l-Istwiel u Triq il-Ħafur u għalhekk iridu jitnaddfu iżjed spiss. Is-Sur Zammit qal li l-aħħar darba Triq il-Faqqiegħ ma nkinsitx kollha. Is-Sur Cordina qal li meta jiġri hekk il-Kunsilliera jagħmlu tajjeb jekk iċemplu u jinfurmaw lill-iStaff. Is-Sur Zammit kompla jgħid li is-Servizz tal-Skart huwa tajjeb u li jekk barra minn xtutna jinħareġ skart mhux fil-ġurnata tiegħu jeħlu multa. Is-Sinjura Scerri qalet li l-boundary huwa traskurat filwaqt li enfasiżżat fuq Kampanji Edukattivi kif kien ġie propost mill-Professur Paul Pace. Is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba sabiex tinforma lill-Contracts Manager biex jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

28.4.3 Is-Sur John Debono informa li:

- Il-Permess ta żvilupp f`Daħlet iċ-Ċipress ħareġ.

28.4.4 Is-Sur Raymond Azzopardi irrimarka fuq:

- Artiklu li deher fuq newbook.com rigward ikel ivvelenat f`toroq ġewwa Ħ`Attard.

28.4.5 Is-Sinjura Connie Scerri nfurmat u saqsiet rigward:

- Il-Historical Plaques ġew puliti ħafna
- Wied Irmiedi għandu bżonn jitnaddaf.
- Fiex waslu il-kaxxi magħmulin mil-pallets biex jiġu użati għall-iskips

## 28.5 Rapporti

28.5.1 Gie approvat ir-rapport tal-kwart tas-sena Jannar-Marzu 2017

## 28.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapport Annwali Amministrativ 2016

28.6.1 Approvat

## 28.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni *Management Letter* u Risposta tas-Sindku

28.7.1 Approvati wara li nqraw

## 28.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

28.8.1 Approvati wara mistoqsija mis-Sur Zammit rigward is-salarju tas-Sinjura Sammut. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lis-Sur Zammit li s-salarju kien ogħli għax mal-paga kien hemm il-Qualification Allowance ta' €500.

## 28.9 Mozzjonijiet; u

28.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 28.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Ġunju 2017 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 13 ta' Ġunju 2017.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv